# Sena ta' Anniversarji

Minn Dun Ġużepp Brincat



Il-ħajja tagħna l-bnedmin hi mimlija b'tifkiriet ta' ġrajjiet importanti li ma tantx tinsiehom malajr. Dawn it-tifkiriet ikunu kemm ta' natura personali kif ukoll li jolqtu lil ħafna persuni oħra. Għalhekk aħna mdorrijin li ta' kull tant infakkru xi data jew xi okkażjoni partikulari.

Qegħdin qrib il-Festa Titulari tal-parroċċa tagħna – it-Tlugħ fis-Sema tal-Madonna. U propju din is-sena l-parroċċa tagħna fakkret l-10 Anniversarju mit-twaqqif tagħha permezz tad-Diġriet tal-Arċisqof Ġużeppi Mercieca bid-data tat-8 ta' Mejju 2005. Għalhekk din hija data tassew importanti. Tajjeb jingħad li ferm qabel fiż-żmien meta f'Malta l-parroċċi kienu ftit Birkirkara kienet waħda minnhom. Il-Knisja parrokkjali kienet iddedikata lil Santa Marija (binja qabel din tal-lum). Madwar l-1700 il-popolazzjoni ta' Birkirkara kibret u nħass il-bżonn li tinbena knisja akbar u fil-qalba tar-raħal – il-Knisja ddedikata lil Sant Elena – li allura saret il-Knisja Parrokkjali ta' Birkirkara.

Wara dan il-Knisja ta' Santa Maria ġiet traskurata u sofriet ħafna ħsarat. Fis-snin sittin il-Kapitlu tal-Kolleġġjata li kien għadu responsabbli minn din il-Knisja ddeċieda li jirrestawraha. Sadattant madwar il-Knisja tela ħafna bini u l-popolazzjoni żdiedet. Bil-mod il-mod reġgħu bdew is-servizzi fil-Knisja u dan wassal biex b'digriet tal-Kurja maħruġ f'Marzu 1992, iż-żona tal-Knisja l-Qadima ġiet dikjarata bħala Żona Pastorali Awtonoma – kien il-pass li fetaħ it-triq għat-twaqqif tal-parroċċa għaxar snin ilu.

Fil-limiti tal-Parroċċa tagħna hemm istituzzjoni importanti ħafna – id-Dar tal-Kleru. Din id-Dar twaqqfet fl-1964 bl-inizjattiva ta' Mons. Dun Salv Grima. L-iskop kien li fiha jinżammu l-irtiri spiritwali għall-kleru u tilqa' wkoll saċerdoti anzjani u morda. Biż-żmien in-numru tas-saċerdoti, kemm djoċesani u kemm reliġjużi, li fittxew il-kenn ta' din id-Dar tant kiber li mill-1995 ma setgħux jibqgħu jinżammu l-irtiri tas-saċerdoti. Bħalissa f'din id-Dar hemm jgħixu 45 saċerdot. Ma' din id-Dar hemm ukoll l-Assoċjazzjoni tal-Qaddejja taċ-Ċenaklu li wkoll twaqqfet fl-istess sena minn Mons. Dun Salv Grima. Dawn huma xebbiet li ddedikaw ħajjithom biex jitolbu għall-qdusija tal-kleru u li b'dedikazzjoni u ġenerożità kbira jagħtu servizz imprezzabbli ta' għajnuna u assistenza lis-saċerdoti, speċjalment dawk residenti f'din id-Dar. Matul dawn il-51 sena temmew ħajjithom f'din id-Dar mal-250 saċerdot.

Anniversarju importanti ħafna għalija huwa l-50 anniversarju tal-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi. L-ordinazzjoni tiegħi u ta' 21 żagħżugħ ieħor fosthom ħija Patri Albert tmexxiet mill-Arċisqof Mikiel Gonżi fit-3 t'April 1965. Ir-rabta tiegħi mal-Knisja l-Qadima bdiet meta fi tfuliti kont niġi ma' tfal oħra ngħin il-Quddiesa. Wara l-ordinazzjoni wieħed mill-impenji li kelli kien il-Quddiesa ta' kuljum f'din il-Knisja. Wara li r-restawr tal-Knisja tlesta u reġgħet infetħet għall-kult komplejt nagħti s-servizz tiegħi f'din il-Knisja. Il-ħidma ta' kull saċerdot titlob ħafna impenn u dedikazzjoni. Dan hu possibbli għall-għajnuna kontinwa ta' Alla li bil-ġrazzja tiegħu jsejjaħ u jkompli jsaħħaħ il-ħidma tas-saċerdot. Jien nagħraf dan u għalhekk inroddlU ħajr ta' dak kollu li għamel miegħi. Fl-istess ħin niftakar ukoll fl-għajnuna u l-inkoraġġiment li kelli mill-ġenituri, familjari u ħbieb u speċjalment saċerdoti oħra li kienu ta' eżempju għalija.